

**Talbiet**

- tiddikjara li billi ma ħoloqx ir-reġistru elettroniku nazzjonali tal-impriżi tat-transport bit-triq tiegħu, u għaldaqstant, billi ma stabbilixxiex interkonnessioni mar-reġistri elettroniċi nazzjonali tal-Istati Membri l-oħra, il-Grand Dukat tal-Lussemburgu naqas mill-obbligi tiegħu skont l-Artikolu 16(1) u (5) tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-21 ta' Ottubru 2009, li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kondizzjonijiet li għandhom jiġu rispettati għall-eżerċizzju tal-professjoni ta' operatur tat-transport bit-triq u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/26/KE <sup>(1)</sup>;
- tikkundanna lill-Grand Dukat tal-Lussemburgu għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Skont l-Artikolu 16(1) tar-Regolament Nru 1071/2009, kull Stat Membru għandu jżomm reġistru elettroniku nazzjonali tal-impriżi tat-transport bit-triq li ġew awtorizzati mill-awtorità kompetenti nazzjonali sabiex jeżerċitaw il-professjoni ta' trasportatur bit-triq.

Issa, mir-risposta tal-Istat Lussemburgiż għall-ittra ta' intimazzjoni jirriżulta ma ġiex stabbilit tali reġistru nazzjonali.

Konsegwentement, l-Istat Lussemburgiż ma jinsabx konformi mal-Artikolu 16(1) tar-Regolament Nru 1071/2009.

Skont l-Artikolu 16(5) tar-Regolament Nru 1071/2009, l-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri neċessarji kollha sabiex ir-reġistri elettroniċi nazzjonali jkunu interkonnessi u aċċessibbli fl-Unjoni kollha.

Fl-assenza ta' reġistru nazzjonali, ma hemm l-ebda dubju li l-amministrazzjoni Lussemburgiża ma adottatx il-miżuri neċessarji sabiex ir-reġistru nazzjonali tagħha, li ma jeżistix, jiġi interkonness mar-reġistri nazzjonali l-oħra.

Konsegwentement, l-Istat Lussemburgiż ma kkonformax ruħu mal-Artikolu 16(5) tar-Regolament Nru 1071/2009.

<sup>(1)</sup> ĠU L 300, p. 51.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Augstākā tiesa (Il-Latvja) fil-15 ta' Marzu 2016 –  
"Latvijas dzelzceļš" VAS vs Valsts ieņēmumu dienests**

**(Kawża C-154/16)**

(2016/C 191/18)

Lingwa tal-kawża: il-Latvjan

**Qorti tar-rinviju**

Augstākā tiesa

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: VAS "Latvijas dzelzceļš"

Konvenuti: Valsts ieņēmumu dienests

**Domandi preliminari**

- 1) L-Artikolu 203(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92, tat-12 ta' Ottubru 1992, li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità <sup>(1)</sup>, għandu jiġi interpretat fis-sens li japplika f'kull każ fejn il-volum totali tal-merkanzija ma jkunx ġie ippreżentat lill-uffiċċju doganali ta' destinazzjoni tal-proċedura ta' tranżitu estern, inkluż meta d-distruzzjoni totali jew it-telf irrimedjabbli tal-merkanzija jiġu pprovati b'mod soddisfaċenti?

- 2) Fil-każ ta' risposta fin-negattiv għall-ewwel domanda, il-prova soddisfaċenti tad-distruzzjoni totali tal-merkanzija u, għaldaqstant, tal-fatt li huwa eskluż li l-merkanzija tidħol fis-sistema ekonomika tal-Istat Membru, tista' tagħti lok għall-applikazzjoni tal-Artikoli 204(1)(a) u 206 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92, tat-12 ta' Ottubru 1992, li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità, mingħajr ma l-volum ta' merkanzija mitlufa taħt il-proċedura ta' tranżitu estern ma jittieħed inkunsiderazzjoni għall-kalkolu tad-dejn doganali?
- 3) Jekk l-Artikoli 203(1), 204(1)(a) u 206 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92, tat-12 ta' Ottubru 1992, li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità, għandu jiġu interpretati fis-sens li dazju fuq l-importazzjoni għandu jiġi kkalkolat fuq il-volum ta' merkanzija meqruda matul il-proċedura ta' tranżitu estern, l-Artikoli 2(1)(d), 70 u 71 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud<sup>(2)</sup>, għandu jiġi interpretat fis-sens li, flimkien mad-dazji fuq l-importazzjoni, hija wkoll dovuta t-taxxa fuq il-valur miżjud, anki jekk jiġi eskluż il-fatt li l-merkanzija tidħol effettivament fis-sistema ekonomika tal-Istat Membru?
- 4) L-Artikolu 96 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92, tat-12 ta' Ottubru 1992, li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-prinċipal jibqa' suġġett għall-ħlas tad-dejn doganali li jirriżulta mill-proċedura ta' tranżitu estern, sew jekk it-trasportatur ikunx osserva l-obbligi msemmija fl-Artikolu 96(2) tal-imsemmi regolament, sew jekk le?
- 5) L-Artikoli 94(1), 96(1) u 213 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92, tat-12 ta' Ottubru 1992, li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità, għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-uffiċċju doganali ta' Stat Membru għandu l-obbligu li jżomm responsabbli *in solidum* lill-persuni kollha li, flimkien mal-prinċipal, għandhom, fil-każ inkwistjoni, jitqiesu bħala persuni responsabbli għall-ħlas tad-dejn doganali konformement mad-dispożizzjonijiet tal-kodiċi doganali?
- 6) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għad-domanda preċedenti, u jekk il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru torbot bħala prinċipju l-obbligu ta' ħlas tat-taxxa fuq il-valur miżjud relatata mal-importazzjoni ta' oġġett mal-proċedura ta' rilaxx għal ċirkolazzjoni libera tal-merkanzija, l-Artikoli 201, 202 u 205 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-Istat Membru għandu l-obbligu li jżomm responsabbli *in solidum* lill-persuni kollha li għandhom, f'każ speċifiku, jitqiesu bħala persuni responsabbli għall-ħlas tat-taxxa fuq il-valur miżjud konformement mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92, tat-12 ta' Ottubru 1992, li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità?
- 7) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ħames u/jew għas-sitt domanda, l-Artikoli 96(1) u 213 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92, tat-12 ta' Ottubru 1992, li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità, kif ukoll l-Artikoli 201, 202 u 205 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, għandhom jiġu interpretati fis-sens li, jekk l-uffiċċju doganali kien iġġustifikat li, għall-finijiet tal-ħlas tad-dejn doganali, iżomm responsabbli *in solidum* lil waħda mill-persuni responsabbli għall-ħlas tat-taxxa flimkien mal-prinċipal, dan jista' fih innifsu jiġġustifika li dan tal-aħħar jiġi eżentat mill-obbligu li jħallas id-dejn doganali?

<sup>(1)</sup> ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 4, p. 307

<sup>(2)</sup> ĠU L 347, p. 1

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Augstākā tiesa (il-Latvja) fis-17 ta' Marzu 2016 –  
"Starptautiskā lidosta 'Rīga' VAS" vs Konkurences padome**

**(Kawża C-159/16)**

(2016/C 191/19)

Lingwa tal-kawża: il-Latvjan

**Qorti tar-rinviju**

Augstākā tiesa